# TURIŻMU SEPULKRALI (II)



LORNA VASSALLO



Tliet ġimgħat ilu introduċejt id-dfin bħala suġġett turistiku. U llum se nkompli nespandi fuq it-teżori li Malta għandha x'toffri marbutin ma' din it-tema. Fl-ewwel artiklu rbatt it-tema aktar mal-epoka meta sar id-dfin. Iżda d-dfin ma jvarjax biss skont iż-żminijiet meta jsir iżda wkoll skont l-istatus ta' persuna fis-soċjetà, ir-rwol tagħha u diversi fatturi oħra. Meta nitkellem dwar dan is-suġġett nixtieq ukoll li nżommu f'moħħna li dawn jistgħu jkunu wkoll ħarġiet esklussivi u mhux żjarat ta' kuljum.

## Tortura u tgħalliq

It-tortura fil-ħabs tal-Kavallieri l-Belt (illum il-Ministeru tas-Saħħa) u t-tgħalliq fid-daħla tal-Belt bir-ritwal ta' kif l-ikkundannat għall-mewt kien jiġi akkumpanjat għall-forka huma suġġett ieħor interessanti (għalkemm xejn sabiħ). F'dan il-kuntest ovvjament ta' min isemmi wkoll il-Palazz tal-Inkwiżitur u l-Kamra tat-Tortura. Bħala mużewijiet privati nsibu wkoll l-Imdina Dungeons. Ta' min jgħid li anke l-forka tal-ħabs ta' Kordin (tad-19 u l-20 seklu) infetħet riċentement għall-pubbliku. Jekk mawriet bħal dawn isiru bil-qies bla ma jiddisturbaw il-ħajja ta' kuljum tal-post proprju, u b'rispett totali ta' dak u dawk li jirrappreżentaw jistgħu jsiru kull tant żmien.

## Dfin bilwieqfa

L-ibbalzmar/mummifikazzjoni u d-dfin tal-patrijiet wieqfa mill-Kapuċċini ġewwa l-Furjana, minkejja li ġew vandalizzati bil-kbir fi żmien l-Ingliżi, xorta għad baqa' ħafna x'joffru lill-viżitatur.

## Dfin speċjali

Insibu wkoll oqbra speċjali u dfin speċjali, ewlieni fosthom ir-rit tad-dfin tal-kleru fost oħrajn li huwa esebit tajjeb ħafna fil-Mużew ta' Wignacourt, ir-Rabat.

## Dfin u epidemiji

Fi żmien l-Ingliżi, insibu wkoll iċ-ċimiterji tal-epidemiji fosthom dak tal-Kolera magħruf bħala ta' Wied Għammieq, il-Kalkara. Ftit passi 'l bogħod, ġewwa l-Birgu mawra fil-Mużew ħdejn San Lawrenz naraw l-imqass ta' kif fi żmien il-pesta l-qassis kien iqarben 'il-morda.

Iżda apparti sptarijiet, il-laboratorju ta' Sir Temi Żammit u David Bruce li sabu l-kura għad-deni ta' Malta fil-Ministeru tas-Saħħa, il-Belt joffru ħarsa profonda fuq x'ġara fi żmenijiet diffiċli apparti li huwa wkoll issit fejn kien hemm il-Qorti tal-Kavallieri u ċ-ċelel fejn kienu jinżammu l-priġunieri.

## Dfin u reliġjon

U bosta turisti jistgħu jkunu interessati wkoll jaraw fejn indifnu persuni minn pajjiżhom fl-imgħoddi. Apparti l-Ingliżi tal-Ewwel u t-Tieni Gwerra Dinjija li ndifnu Malta, għandna ċ-ċimiterju tal-Lhud ta' Braxia u anke l-Marsa filwaqt li għandna wkoll iċ-ċimiterju tal-Musulmani fil-Marsa.

## Dfin u nazzjonalità

Per definizzjoni, fil-fatt, it-turist mhux Malti. U apparti n-nazzjonalitajiet Ewropej tas-soltu, kif semmejna, iċ-Ċimiterju tat-Torok ikkummissjonat mis-Sultan Ottoman Abdulaziz fil-Marsa b'arkitettura orjentali jilqa' fi ħdanu diversi persuni Torok, Ottomani u Musulmani, fosthom priġunieri tal-gwerra tal-Ewwel Gwerra dinjija.

Ta' min isemmi wkoll iċ-Ċimiterju tal-Kalkara fejn hemm midfuna mad-29 suldat Ġappuniż tal-Ewwel Gwerra Dinjija li kienu fuq vapur li ntlaqat minn torpedo tal-Ġermaniżi fl-ibħra Maltin. Għalkemm is-suq turistiku Ġappuniż huwa żgħir żgur li kull Ġappuniż tal-lum se jħoss ġibda speċjali lejn pajjiż daqstant 'il bogħod fejn temmew ħajjithom niesu.

## Ċimiterji u arkitettura

Iċ-ċimiterji huma wkoll post tal-arkitettura. Apparti l-lapidi mirquma tal-irħam, uħud minnhom kbar, il-kappelli jew knejjes ta' ġo fihom jew biswithom huma wkoll fonti ta' arti u ispirazzjoni. Pereżempju, iċ-ċimiterju tal-Addolorata, imbagħad, mhux talli għandu storja twila imma jilqa' fih ukoll wieħed mill-isbaħ eżemplari tal-istil arkitettoniku tan-Neo-Gotiku f'pajjiżna.

## Ex-voto

Ta' min jgħid li ċerti postijiet famużi għall-wegħdiet huma wkoll attrazzjoni turistika li xi kultant titwarrab xi ftit. Fost dawk l-iktar magħrufa hemm il-Madonna tal-Għar il-Mellieħa (biex ma nsemmux Għawdex).

## Mummifikazzjoni

Fil-Mużew tal-Istorja Naturali tal-Imdina teżisti mummja Eġizzjana li jingħad li kull min imiss magħha jiġrulu f'ħajtu diżgrazzji kbar fosthom mewt. Però hija wkoll sfortuna li din il-mummja qatt ma tinħareġ fil-pubbliku.

Il-mummifikazzjoni/ibbalzmar ġew ipprattikati mill-Kapuċċini l-Furjana. Fost il-mummji li jeżistu l-Furjana u li huma diġà miftuħin għall-pubbliku għandna wkoll żewġ qaddisin, wieħed minnhom Fra Krispinu.

Għandna wkoll il-mummifikazzjoni naturali u qaddisa. Hawnhekk qed nirreferi għal San Ġorġ Preca u li jekk xi darba jibda jintwera lill-pubbliku żgur li hu eżemplari denju ta' kull qima. Hi wkoll ħasra li San Ġorġ Preca ma jista' jżuru ħadd. Żjarat lejh kull tant żmien jistgħu biss inisslu qima. Tajjeb li kieku, imqar darba f'sena dan ikun jista' jseħħ.

## Dfin fil-baħar

Id-dfin fil-baħar huwa wkoll metodu ta' dfin legali ġewwa pajjiżna. L-uniku post li naf bih jien fejn hemm lapida tikkommemora dfin fil-baħar huwa ħdejn Ħaġar Qim. Anedotti qosra bħal dawn ikomplu jħawru l-istorja sbejħa ta' pajjiżna għat-turist għatxan għal iktar għarfien.

## Dfin tal-annimali

Għalkemm suġġett modern, id-dfin jew kremazzjoni tal-annimali ġaladarba jkun jeżisti jqanqal interess ġdid. Dan għax jista' jkun li mhux kull pajjiż għandu din il-faċilità.

## L-Università

Waqfa oħra interessanti għal dawk li huma verament avventurużi hija ġewwa l-Università. Ta' min jgħid li llum il-ġurnata f'diversi pajjiżi jeżistu diversi wirjiet tal-ġisem tal-bniedem minn ġewwa permezz ta' teknika 'ġdida' fejn jiddaħħal silikon fl-organi tal-bniedem biex jikkonservahom/jibbalzmahom. Jien ukoll għandi d-dubji etiċi tiegħi dwar dan, iżda żjara sa sptar tista' tifforma parti minn ħarġa esklussiva oħra għat-turisti li m'hemmx għalfejn tinvolvi l-awtopsja proprja iżda tista' tinvolvi laqgħa ma' persuna li taħdem hemmhekk u spjegazzjoni dwar tali proċess.

Kif għedna, il-mewt mhix xi suġġett romantiku, iżda bla ebda dubju interessanti. Filwaqt li tqanqal biża', tqanqal ukoll interess: dak l-interess li jwassal turist jiġi u jerġa' jiġi ġewwa pajjiżna.

Għal kummenti jew suġġerimenti https://www.facebook.com/lejnmaltaaaa. Għal aktar artikli tal-istess artikolista www.vassallolorna.com.